**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 542/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sherona Buhagiar u Spettur Dorianne Tabone)**

**vs**

**AB**

**Illum 28 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

AB

Akkużat talli nhar il-21 ta' Settembru 2022 u fil-ġranet ta' qabel f'diversi ħinijiet f'dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Naqas milli jħares diversi kundizzjonijiet imposti fuqu ill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioe' li ma jkellimx jew javviċina la direttament u lanqas indirettament lix-xhieda tal-prosekuzzjoni u li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arresst u dana b'digriet maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta nhar it-3 ta' Mejju 2022, ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi, mingħajr skuża raġonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'Ordni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta maħruġa nhar it-3 ta' Mejju 2022 mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. favur CD, EF, GH u l-familjari taghhom;

3. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi, ikkaġuna lill-eks sieħba u cioe' CD fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali ta' fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi billi mexa wara persunta, għamel kuntatt jew ittanta li jagħmel kuntatt magħha bi kwalunkwe mezz, u qagħad għassa jew jispija fuqha;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioe' CD, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li kien qed ikun tali;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, ikkawża lill-eks sieħba tiegħu u cioe' CD, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew l-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, ikkawża lil bint l-eks sieħba tiegħu u cioe' EF, bi;ża' li se tintuża vjolenza kontriha jew

kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba tiegħu, u cioe' CD jew, jekk kien ipprovokat, inġurija b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-iskeda li mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti hija mitluba wkoll biex is-somma ta' hamest elef (€5000) Ewro bħala depożitu u s-somma ta' ħmistax-il elf (€15,000) Ewro bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, il-Qorti hija mitluba biex tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-ġdid u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni inkluza fil-mori tal-kawża kontra AB a benefiċċju ta' CD, EF u l-familjari taghhom u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għas-sigurta' ta' CD, EF u l-familjari tagħhom kif jew sabiex tinżamm il-Bon Ordni pubblika, flimkien mal-piena aplikabbli għar-reat, torbot lil AB billi tapplika l-Artikoli 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq, u jew torbot lil AB b'obligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq;

Il-Qorti hija mitluba biex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmi AB sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Ufficjal Prosekuturi Sherona Buhagiar u Dorianne Tabone qraw u kkonfermaw bil-gurament iċ-ċitazzjoni fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 22 ta' Settembru 2022;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', stqarrija awdjo viżiva immarkata bhala Dok DT1, fedina penali ta' l-imputat immarkata bhala Dok DT2, Ċertifikat tat-Twelid immarkat bħala Dok DT3, okkorrenza immarkata bħala Dok DT4 u cera kopja taċ-ċitazzajoni, digriet u kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest u ordni ta' protezzjoni immarkati bħala Dok DT5;

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2022 l-imputat AB kif debitament assistit irreġistra ammissjoni u wara li l-Qorti ordnat lill-imputat biex jikkonsulta ma' l-avukat tiegħu fuq l-istess ammissjoni u wara li tatu żmien biżżejed biex jikkunsidra l-ammissjoni tiegħu u spjegat il-portata ta' l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ħtija tiegħu b'mod inkondizzjonat;

**Ikkunsidrat:**

Għal dak li jirrigwarda l-piena li għandha tiġi inflitta fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni ċara inekwivoka li saret fi stadju ferm bikri ta' dawn il-proċeduri u l-fatt li l-Qorti ma kelliex għalfejn taħli iżjed żmien u seduti għall-ġbir tal-provi. Madanakollu l-Qorti wara li l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena, u wara li kemm il-prosekuzzjoni u d-difiża iddikjaraw li f'dan l-istadju ma jkunx idoneju li l-imputat jirċievi sentenza ta' priġunerija effettiva u dan peress li kienet l-eks sieħba ta' l-imputat li l-ewwel li għamlet kuntatt miegħu, spiċċa biex skatena episodju ta' rabja fil-konfront tagħha, minkejja li hi kienet taf li f'kawża oħra l-imputat kien milqut b'ordni ta' protezzjoni fil-konfront tagħha.

Għalhekk il-Qorti tħoss li jkun iktar idoneju li l-imputat ħati f'dan l-istadju jieħu ħsieb jibda jirċievi trattament għall-problemi emozzjonali u/jew psikoloġiċi li qiegħed jaffronta u għar-rabja li qed tikkawżalu s-sitwazzjoni xejn feliċi li f'dan il-mument ta' ħajtu huwa qiegħed jgħix.

Dan kollu fl-isfond tal-fatt ukoll li meta wieħed jaqra l-fedina penali ta' l-imputat jirriżulta li l-aħħar entrata tagħha kienet fis-sena 2007 u għalhekk, il-Qorti tħoss f'dan il-mument li hemm possibbilita' favorevoli fil-konfront ta' l-imputat ħati li huwa permezz ta' din is-sentenza jibda' billi jindirizza l-problemi f'ħajtu li ġabuh f'din il-pożizzjoni.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 579(2), 412Ċ, 251AA, 251H, 202(h)(v)(vi), 251HA, 251(1)(3), 222(1)(a), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 5(1)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat AB ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u kwantu ghal dak li jirrigwarda l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet il-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati AB taħt Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tlett (3) snin mil-lum; u

Inoltre għal dak li jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni u bħala konsegwenza għad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' l-imputat AB, l-Qorti qegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2500), parti mis-somma stabbilita' bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest tiegħu taħt garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit tat-3 ta' Mejju 2022; u

Fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni stante illi ai termini ta' l-Artikolu 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, id-diżposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ma japplikawx ghal reati kontra xi dispożizzjoni ta' dak l-Att, qed

tikkundanna lill-imputat bl-applikazzjoni tal-proviso ta' l-Artikolu 51(2) ta' l-istess Att ghal multa ta' tmien mitt (€800) Ewro li għandha titħallas b'mod immedjat; u

Tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-imputat a favur CD u EF għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum taħt il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi; u

Tordna lil-ħati AB taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex jindirizza l-problemi emozzjonali, psikoloġiċi u ta' rabja li qiegħed ibati minnhom.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dawn l-atti u ta' din is-sentenza għandhom jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali skond kif jistipula l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Uffiċċjali tal-Probation u l-Parole.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**